# Il-Logħob tan-Nar fi Żmien il-Gwerra

*Minn*

**Patri Ġiġi Camilleri, S.J.**

L-aħħar gwerra dinjija spiċċat fit-8 ta' Mejju 1945, sittin sena ilu. Xi wħud minna jiftakruha. Nar kellna iktar milli konna nixtiequ. Le, ma kinux murtali tal-bomba u tal-ftuħ li jtarrxuk jew jimlew is-sema bi tlellix ta' lwien mill-isbaħ. In-nar li kellna kien ieħor. Mhux dak li jittella' mill-art, imma dak li jintefa' mis-sema. Ma kienx biss itarrax, imma wkoll jiżra l-mewt u jħalli warajh ħerba.

Għalkemm l-għadu ma kellux għalfejn jaħli bombi fuq Għawdex tagħna, għax ma konniex armati bħal Malta. Biex insemmi biss dak li ġara f'raħalna, tliet darbiet theżżiżna bl-isplużjonijiet ta' bombi fil-gwerra. Qabel jidħlu fuq Malta, l-ajruplani li jiġu jaħbtu għalina kienu jgħaddu minn fuqna. Meta kienu jsibu ruħħhom fil-periklu tal-kanuni tal-ajruplani tat-taqbid tagħna, dawk li konna nsejħulhom *fighters* bħal-*Hurricanes* u l-*Ispitfires,* biex jeħilsu mit-tagħbija, kienu jerħu kollox, ikun fejn ikun, u jaħarbu lura lejn Sqallija.

Hekk ġara li anke raħalna ssaqqa bid-demm ta' vittmi tan-nar tal gwerra. L-ewwel bombi li waqgħu fuqna kienu fil-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, fil-10 ta' Frar 1942. Kien wara li spiċċat il-Kantata tal-festa meta splużjonijiet qawwija bdew jheżżu l-ħġieġ tat-twieqi tal-knisja. Mill-qrib tagħna, minn quddiem il-forn tal-Ploj fi Triq Jannar, serbut ta' bombi waqa' sa Triq Bullara. L-aħħar waħda waqgħet fuq id-dar ta' Karmnu Attard, tal-Pespus. Kien għadu kif tela' mir-razzett li kien jgħammar fih fil-wied ta' Marsalforn fejn kellu wkoll xi raba'. Il-bomba sabitu ħdejn martu Marjanna li ma kinitx tqum mis-sodda. Hawn it-tnejn temmew ħajjithom fl-ewwel traġedja tal-gwerra fix-Xagħra tagħna, mirdumin taħt dak l-istess saqaf li taħtu għaddew ħajja twila jaqsmu l-imħabba u l-imrar tal-ħajja.

It-tieni traġedja mill-attakki tal-għadu li xerred demm ħutna f'raħalna kien biss xahrejn u jumejn wara, fit-12 ta'April 1942. Din id-darba, ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar, għal xi raġuni jew oħra, ajruplan tal-għadu ried iħaffef it-tagħbija li kellu ta' bombi u rħielhom kif kien joqrob lejna. Serbut ta' tnax-il bomba beda nieżel fil-Wied tal-Għeżien, qasam Triq Marsalforn u spiċċa qrib Triq it-Tiġrija. Il-bomba li waqgħet fi Triq Marsalforn ġarrfet id-dar ta' Franġisk Azzopardi, tas-Serp. Franġisk kien fuq il-bejt u baqa' nieżel ma' biċċa mis-saqaf tal-għorfa. Weġġa' siequ sewwa. Miet l-isptar wara għaxart ijiem minn tetnu. Fil-gwerra kien hawn nuqqas kbir ta' duwa u mediċini.

Imma l-agħar li korra kien ibnu Karmenu, żagħżugħ ta' xi tmintax-il sena. Konna ħbieb tal-qalb. Sa għoxrin minuta qabel konna sejrin flimkien in-Nadur naraw il-fdalijiet ta' ajruplan Ġermaniż li kien waqa' u nħaraq hemm. Iltqajna ma' ħabib ieħor fin-niżla tal-Qaċċa u biddilna l-ħsieb. Ma kien fadal xejn ħlief irmied tal-ajruplan maħruq. Ftit wara li wasalna f'darna, taw is-sinjal tal-ħbit mill-ajru. F'temp ta' għaxar minuti, waqgħet bomba fuq id-dar ta' Karmenu. Hu kien fil-bitħa ma' oħtu Marija li għadha ħajja mimlija bil-għomor. It-tnejn tbaxxew biex ma jintlaqtux mill-bċejjeċ żgħar li konna nafuhom bħala *splinters*. Marija ma ġralha xejn, imma Karmenu



Vapur mogħobbi bil-'mines', lesti biex jintefgħu l-baħar



*Karmenu Azzopardi*

intlaqat minn waħda li fetqitlu żaqqu u ħarġitlu msarnu barra. Ħaduh l-isptar u miet wara erba' sigħat. Ġrajja li ħallietli l-ikreh tifkira tal-gwerra.

Semmejt dawn il-ġrajjiet traġiċi u ta' niket . Imma forsi xi ħaġa li setgħet kienet ta' traġedja li ma tintesiex malajr kienet waħda li warajha kien hemm ħeġġa kbira għan-nar tal-festa. Ma niftakarx sewwa x'sena kienet. Imma naħseb li kienet l-1943. Konna diġa' bdejna nagħmlu l-festa għalkemm mhux bil-kbir. Kienet qorbot il-Vitorja. Xi wħud dilettanti tan-nar bdew jaħsbu għal ftit murtali. Imma ħej porvli ma kontx issibu lanqas b'nemes. Fittex 'l hawn u fittex 'l hemm u l-polvri nstab. Instab bil-qabda. Imma kien magħluq f'qoxra tal-azzar f'majn ġermaniża ħmistax-il qama f'qiegħ il-baħar fid-daħla tal-Kantra, taħt it-torri tax-Xlendi. X'ħasra u x'ħela dak il-ġid jibqa' għad-dlam ta' qiegħ il-baħar! L-isparar tal-gwerra kien majna sewwa. Kien jixraq nagħmlu ftit ħsejjes aħna b'xi murtal.



*Franġisk Azzopardi*

Xi erbgħa qalbiena u kuraġġjużi mix-Xagħra semgħu b'dik ir-rizza denja tal-Ġgantija. Ftiehmu li jtellgħuha minn qiegħ il-baħar fejn kienet tistrieħ qalb l-alka. Min jaf kemm polvri kien se joħroġ minnha? Min jaf kemm murtali kienu se jagħmlu minnha għall-festa? Min kellu stonku jitlef 'ġawhra' bħal din? Kienet barka t'Alla!

Għodwa waħda, meta ma kinitx tidher ruħ qrib il-post, dawn iż-żgħażagħ niżlu x-Xlendi. Magħhom niżżlu ħbula, mazez, mrietel, u kulma kienu jaħsbu li jista' jkun ta' għajnuna għall-għan tagħhom. Magħhom kellhom ukoll il-bugħaddas li kellu jinżel f'qiegħ il-baħar u jorbot dik il-majn! Dan kien wieħed li kien fih faħal, magħruf ma' kulħadd bħala Żeppu Familja, imlaqqam hekk għax ma kellux familja.

Ma kienx hemm żmien x'wieħed jitlef. Żeppu qabeż malajr il-baħar. Baqa' nieżel dritt għal fuq il-majn kif seqer jinżel fuq ġurdien. Bil-majn taħtu, qisu riekeb xi ħmar, medd idejh għax-xogħol. Kemm seta' jżomm in-nifs il-bugħaddas mingħajr maskla u ossiġnu kif kienu jużaw il-bugħaddasa tat-tarzna?

Għaddiet minuta. Għaddew tnejn. Qalb dawk li kienu jistennewh jitfaċċa f'wiċċ l-ilma bdiet tħabbat sitta, sitta. Se jitla' ħaj Żeppu jew sa jtellgħuh mejjet? Kulmin kien fuq il-blat kellu msarnu f'saqajh!! Fl-aħħar, wara dak il-qtigħ il-qalb, tfaċċaw ftit bżieżaq f'wiċċ il-baħar. Dritt taħthom dehret xuxet Żeppu u malajr persuntu kollha. Marsus f'idu l-leminija kellu tarf il-ħabel b'tarfu l-ieħor nieżel għall-majn. Spara l-ewwel murtal, kaxxa infernali ta' ċapċip minn dawk li qabel kienu qatgħu qalbhom li jaraw iktar lil Żeppu Familja ħaj! Minn widnejh lemħu ftit demm aħmar inixxi minnhom mit-toqol tal-ilma li kien jaħdem taħtu.

Wara ftit il-majn reġgħet rat ix-xemx. Kien fiha dulliegħa tonda kbira daqs bittija ta' mitt gallun nbid. Imma qabel bdew jiftħuha waslu l-pulizija. Kienu xammewh il-ġurdien. Biex jaqbduh żgur ġabu magħhom qattus tajjeb, grupp ta' baħrin tan-*Navy* imħarrġin sewwa kif jeħilsu bla periklu minn dawn il-majns li għadd minnhom kienu jidħlu f'wiċċ il-baħar fil-bajjiet tagħna.



*Gużepp Sultana*
*("Żeppu Familja")*

Imma għalkemm fetħu l-majn u ħarqu l-polvri ta' ġo fiha, il-qalbiena tagħna rnexxielhom jiġbru biżżejjed polvri li baqa' ma nħaraqx għal ftit murtali għall-festa tal-Vitorja. Id-daħna sewda li ħallew warajhom murtali magħmulin minn dak il-polvri li kien ikun ċapep iebsa sofor, kienet sinjal ċar li kienu magħmulin minn polvri tal-majn ġermaniża. Minkejja l-bidu ta' sogru u periklu kbir, kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid. Li allaħares qatt ġrat xi traġedja, l-lista tal-mejtin mix-Xagħra, vittmi tat-tieni gwerra fuq dik l-irħama li naraw qabel nidħlu l-knisja min-naħa tas-sagristija kienet tkun qatigħ itwal. U l-vistu u n-niket tagħna kien jibqa' għal snin twal. Le, ma kienx se jispiċċa f'ħakka t'għajn maż-żiffa kif tagħmel it-tfaqqiegħa ta' murtal u tgħib id-daħna tiegħu. Marija Bambina, Reġina tal-Vittorja, għenithom joħorġu b'rebħa.



*Il-Kantra tax-Xlendi, fejn daħlet il-mina tal-gwerra*